# ĦARSA LEJN IL-ĦAMRUN TA' SEBGĦIN SENA ILU

***Kitba ta' Tony Terribile***

Bla dubju ta' xejn il-Ħamrun hu wieħed mill-akbar postijiet f'dawn il-gżejjer. Dan il-post kien minn dejjem magħruf għall-kummerċ u għan-numru kbir ta' nies li jgħammru fih.

Nistgħu ngħidu li dawn iż-żewġ fenomeni kienu minn dejjem il-karatteristiċi tal-Ħamrun u f'dawn l-aħħar snin dawn iż-żewġ fenomeni tant kibru li tawna r-riżultat li għandna llum – Ħamrun kbir u Ħamrun mimli kummerċ.

Dan ir-riżultat inkiseb mal-mixja tas-snin u għalhekk ikun tajjeb li naraw il-qagħda tal-Ħamrun kif kienet sebgħin sena ilu, jiġifieri fl-1925. Għal dan il-għan se tgħina ħafna il-pubblikazzjoni 'Guida Generale di Malta e Gozo' li tagħti ħafna tagħrif dwar il-qagħda tal-Ħamrun ta' sebgħin sena ilu.

Fl-1925 fil-Ħamrun kienu jgħixu għaxart elef, erba' mija u erbgħa u tletin ruħ. Kien fih erba' skejjel governattivi. Waħda minnhom kienet magħrufa bħala "il-qadima" u bħala surmast tagħha kellha lil Rokku Farrugia filwaqt li l-oħra kienet immexxija minn Ugo Pio Borg u din kienet magħrufa bħala "il-ġdida". Għall-bniet kien hemm ukoll żewġ skejjel. Il-'headmistress' ta' waħda minnhom kienet Rachela Mifsud Bonnici u l-oħra kienet immexxija minn Filippa Grech. Din ukoll kienet responsabbli mit-tmexxija ta' l-iskola "ta' filgħaxija".

F'dawn l-iskejjel kien ukoll jiġi mgħallem id-disinn u għal dan kien jiġi s-surmast Arturo Galdes li kien ukoll jagħti l-istess lezzjoniiet fl-iskola ta' Ħal-Lija. Barra dawn l-iskejjel governattivi fil-Ħamrun kien hemm ukoll skola privata imsemmija għal San Mikiel. Din kienet immexxija minn Dun Nikola Zammit u kienet fi Strada Adelaide Cini.



Fl-1925 il-kappillan tal-Ħamrun kien Dun Ġużepp Muscat li kien ħa l-pussess ta' din il-Parroċċa fl-1897. Id-dar tiegħu kienet fi Triq id-Duka ta' York. Kellu numru ta' qassisin jgħinuh fil-Parroċċa iżda fost dawn kien hemm Dun Nerik Cordina Perez li wara sar kappillan. Dun Nerik kien joqgħod fid-dar nru. 158, Strada Reale.

Fil-Ħamrun kien joqgħod ukoll kanonku tal-kolleġġjata ta' Bormla. Dan kien Dun Alfons Lanzon u kien joqgħod fi Strada Annunziata. Kien avukat tas-Sagra Rota. Jissemma' wkoll f'din il-'Guida Generale', Dun Alfred Maria Bourne li kien joqgħod fil-bidu ta' Strada Reale.

Fil-Ħamrun kienu jgħixu wkoll numru mhux ħażin ta' tobba fosthom it-tabib Aquilina Eynaud li kien joqgħod 99, Strada Reale, it-tabib Carmelo Borg li kien ukoll joqgħod fl-istess triq u t-tabib Salvu Grech li kien joqgħod fi Strada San Gaetano.

Fi Strada Annunziata kien joqgħod spettur tal-mard tal-pjanti u dan kien Louis Drago. L-avukat Agostino Preziosi kien joqgħod fi Triq Brighella filwaqt li l-prokuratur legali Barbaro Sant kien joqgħod fi Strada Rjali.

Fil-Ħamrun kienu jgħixu wkoll nies li kellhom rabta mas-servizzi Ingliżi bħal ma kienu l-kaptan Caruana li kien joqgħod fi Strada Rjali fejn kien joqgħod ukoll il-'band-master' Manwel Spiteri.

Fl-elezzjonijiet bikrin li saru f'Malta fil-bidu tas-snin għoxrin, il-Ħamrun kien jagħmel mat-tielet distrett. Dan, barra l-Ħamrun kien iħaddan ukoll miegħu il-Furjana, tal-Pietà, Ħal-Qormi u Ħaż-Żebbuġ. Minn dan id-distrett kienu ġew eletti Sydney Harry Charles, Antonio Dalli, Fortunato Ellul u Ġużeppi Mifsud. Fost dawn il-membri ta' l-Assemblea, Sydney Harry Charles kien joqgħod fi Strada Reale.

L-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun kienet immexxija mis-supretendent A.H. Cardona u l-ispettur J.E. Agius u din l-għassa kienet taqa' taħt id-distrett ċentrali tal-pulizija.

Fil-Ħamrun ta' 70 sena ilu kienu diġà jeżistu postijiet ta' divertiment u fost dawn jissemmew "Ir-Reale" li kien fi Strada Dolori u "Eldorado" li kien fi Triq Fra Diego.

Bħala postijiet ta' divertiment dawn is-swali kienu jaqgħu taħt il-liġi taċ-ċensura u għalhekk żewġ Ħamruniżi kienu responsabbli għal din iċ-ċensura. Dawn kienu l-avukat Preziosi u l-għalliem Ugo Pio Borg.

Mill-bidu tat-twaqqif tagħhom il-każini tal-baned tal-Ħamrun kellhom post importanti fil-ħajja soċjali ta' dan is-subborg. Fl-1925 dawn iż-żewġ soċjetajiet kienu fl-aqwa tagħhom. Il-każin ta' San Ġużepp kellu bħala President lis-sur Temi Conti filwaqt li s-Surmast Antonio Miruzzi kien responsabbli tal-banda.

Is-soċjetà mużikali San Gejtanu kienet immexxija mis-Sur Robert Bencini filwaqt li s-Surmast Giovanni Grech kellu f'idejh id-direzzjoni tal-banda.

F'dawn iż-żminijiet ukoll l-istituti tal-Ħamrun kienu magħrufa ma' Malta kollha. Il-'Little Sisters of the Poor' kien immexxi minn barranija, Sr. Maria Therese di San Pierre; l-Istitut ta' Nuzzo kien immexxi minn Suor Nazzarena; filwaqt li l-Istitut ta' Fra Diego kellu bħala direttur lil Monsinjur Ġużeppi Depiro li kien mgħejjun mis-sorijiet Franġiskani.

F'dik is-sena, fil-Ħamrun kienet attiva ħafna is-soċjetà ta' San Vinċenz de Paoli. L-iskop ta' din il-għaqda kienet dik li tgħin lil dawk li kienu jkunu batuti finanzjarjament. F'dawk iż-żminijiet ma kinux jeżistu għajnuniet soċjali u għalhekk din il-għaqda kienet imfittxija ħafna. Il-fergħa tal-Ħamrun kienet immexxija minn tliet personalitajiet Ħamruniżi, it-tabib Salvu Borg, l-avukat Agostino Preziosi u Salvu Borg li kien it-teżorier.

Fil-Ħamrun ta' sebgħin sena ilu kienet teżisti għażla mill-aqwa ta' ħwienet minn fejn wieħed jixtri. Kien hemm bosta ħwienet li kienu magħrufa filwaqt li oħrajn li ma kinux daqshekk magħrufa. Bosta minnhom spiċċaw maż-żmien, oħrajn kibru u infirxu u llum jinsabu immexxija minn familjari tal-fundaturi tagħhom. Il-Ħamrun kien minn dejjem imsemmi għan-numru kbir ta' ħwienet ta' l-għamara li nsibu fih, u diġà, fl-1925 kien hemm numru sabiħ minnhom, insibu il-fotografu Cassar li ħa mijiet u mijiet ta' ritratti meta l-'cameras' ma kinux hekk komuni bħal m'huma llum.

Insibu wkoll in-negozjanti ta' Portanier li bdew in-negozju tagħhom fil-Ħamrun. Fl-1925 dawn kienu diġà importaturi tal-birra u ta' l-ilma. Kellhom in-negozju fi Strada Sacro Cuore. Fi Strada Rjali kien hemm żewġ birreriji, waħda bl-isem 'St. James' u l-oħra ta' Thomas Salt.

Kienu wkoll jeżistu negozjanti li jinnegozjaw fil-karta, kotba, pitazzi eċċ. Kien hemm l-aħwa Vella fi Strada Curmi, u fi Triq id-Duka ta' Edinburgh kien hemm in-negozju immexxi minn Frankie Portelli.

Fran kienu jeżistu bosta u fost dawn jissemmew dawk ta' Andrea Micallef li kien armat fi Strada Marsa u ieħor bl-isem 'Valentine'. Dan kien jispeċjalizza fil-ħobż magħruf "Tal-Kexxun" u barra l-ħanut fil-'Mile End' kellu żewġ postijiet is-suq tal-Belt u ħanut f'tas-Sliema għall-familji Ingliżi.

Sengħa li llum spiċċat fix-xejn kienet dik tal-karozzini. Kienet sengħa interessanti. Fil-Ħamrun kien hemm aktar minn wieħed iżda fil-'Guida Generale' ta' l-1925, jidher ir-riklam ta' Antonio Vella li kellu maħżen tiegħu fi Strada Reale. L-


Michel' Angelo Galea

RINOMATA FABBRICA di MATTONELLE

Specialità—Mattonelle a mosaico

Deposito di ferro e legno da costruzione, cemento, vetro, colori ecc.,

Completo campionario e branch al No. 236 Sda: REALE, HAMRUN ove si possono dare gli ordini oppure direttamente alla

VITTORIA GOZO

13/15 Corso F. Mizzi.

Esecuzione Immediata. Telefono No. 14

*Reklam mill-Gwida Generale tal-1925.*

imgħallem Mikelanġ Galea kellu n-negozju li jagħmel il-madum f'Għawdex iżda fi Strada Reale kellu l-fergħa tiegħu f'Malta.

Fil-Ħamrun ta' sebgħin sena ilu kien hemm żewġ postijiet li kienu magħrufa ħafna għan-negozju tas-sigaretti. Waħda minn dawn kienet il-fabbrika ta' John Scerri fi Strada Reale li din kienet magħrufa bħala 'The Black Spot Cigarette Factory'. Fl-istess triq l-aħwa Vella kellhom l-istess negozju.

Sebgħin sena ilu ma kienux jeżistu l-'fridges' ta' llum iżda kienu jeżistu 'Ice Chests' li kienu jkunu qishom gredenzini miksija biż-żingu minn ġewwa, imbagħad fihom kien jitpoġġa l-ikel u x-xorb. Kull filgħodu bejjiegħ is-silġ kien idur mat-toroq ibiegħ il-blokok tas-silġ biex dawn jitpoġġew fl-'ice chests'. Dawn il-mijiet ta' blokok tas-silġ kienu jinħadmu l-Ħamrun fil-fabbrika magħrufa bħala 'St. Paul's Ice Works'.

L-ispazju ma jippermettilniex naraw aktar dettalji kif kienet il-qagħda soċjali tal-Ħamrun ta' sebgħin sena ilu, iżda nispera li b'dan it-tagħrif tajtkom stampa ċara kif kien il-Ħamrun fl-1925.